

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2189

tad-9 ta' Novembru 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1784 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju llaminati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju llaminati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huma soġġetti għal dazji anti-dumping definittivi impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1784 ⁽²⁾.
- (2) Alnan Aluminium Inc., kodiċi addizzjonali TARIC ⁽³⁾ C616, kumpanija soġġetta għal rata ta' dazju anti-dumping individwali ta' 19,0 %, infurmat lill-Kummissjoni fit-13 ta' Ġunju 2022 li kienet bidlet l-isem Inġliż tagħha għal ALG Aluminium Inc.
- (3) Il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-bidla fid-denominazzjoni Inġliża tagħha ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju anti-dumping individwali applikata lilha skont id-denominazzjoni Inġliża preċedenti tagħha.
- (4) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni fornuta u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ġiet irreġistrata kif suppost mal-awtoritajiet rilevanti, u ma wasslitx għal xi relazzjoni ġdida ma' gruppi oħrajn ta' kumpaniji li ma kinux investigati mill-Kummissjoni.
- (5) Għaldaqstant, din il-bidla fl-isem ma taffettwax is-sejbiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1784 u b'mod partikolari r-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli għaliha.
- (6) Il-bidla fl-isem jenħtieġ li tidħol fis-seħħ mid-data li fiha l-kumpanija biddlet isimha, jiġifieri s-7 ta' Ġunju 2022. Il-Kummissjoni talbet lill-applikant jikkonferma jekk din id-data kinitx xierqa.
- (7) Minħabba l-kunsiderazzjonijiet fil-premessi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1784 jiġi emendat biex jirrifletti l-bidla fl-isem tal-kumpanija li qabel kienet attribwita għall-kodiċi addizzjonali TARIC C616.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1784 tat-8 ta' Ottubru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju llaminati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 359, 11.10.2021, p. 6).

⁽³⁾ It-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1784 huwa emendat kif ġej:

"Alnan Aluminium Inc.	C616"
-----------------------	-------

huwa sostitwit bi

"ALG Aluminium Inc.	C616"
---------------------	-------

2. Il-kodiċi addizzjonali TARIC C616 li qabel kien attribwit lil Alnan Aluminium Inc. għandu japplika għal ALG Aluminium Inc., mis-7 ta' Ġunju 2022. Kull dazju definittiv imħallas fuq importazzjonijiet ta' prodotti manifatturati minn ALG Aluminium Inc. li jaqbżu d-dazju anti-dumping stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1784 fir-rigward ta' Alnan Aluminium Inc. għandu jitħallas lura jew jinħafer skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN